XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 407*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 35*
*Il-Ġimgħa 9 ta'April, 2010*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-7.30pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Dr. Marthese Portelli*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużat:* *Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħat Numru 405 u 406 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nr. 6-26**

**2. Kwotazzjoni 2010-05 – Pjan ta' Azzjoni għall-Energija Sostenibbli**

Din l-offerta kienet ġiet diskussa mill-Kunsill waqt Laqgħa Nru 404. Waqt l-aħħar laqgħa tas-Sindki, dan is-suġġett ġie diskuss ukoll. Il-Kunsilli ġew imħeġġa biex jagħżlu l-aktar offerta vantaġġjuża u b'hekk ikunu jistgħu jipproċedu biex isir il-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli. Dan qed isir ukoll peress li l-Kunsill tagħna kien approva li jiffirma l-Patt tas-Sindki. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li għandna naċċettaw l-offerta mitfugħa minn Econing Engineering Consultation Ltd. Din kienet l-unika offerta li rċieva l-Kunsill sal-ħin tal-għeluq. L-ammont tal-offerta huwa ta' €3700.

**3. Laqgħa mal-Green Pak**

Kif kien maqbul fil-laqgħa tal-Kunsill Nru 405, il-kumpanija Green Dot Malta Ltd (Green Pak) ġiet infurmata li l-Kunsill qed jaċċetta l-iskema tagħha dwar il-ġbir ta' skart separat. Is-Sur Daniel Tabone f'isem il-Green Pak talab li ssir laqgħa mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv liema laqgħa saret nhar it-Tlieta 23 ta' Marzu. Matul din il-laqgħa ġew diskussi diversi affarijiet dwar kif ser tkun qed taħdem l-iskema u dwar inizzjattivi biex aktar skart jinġabar separat. Matul l-istess laqgħa ġie iffirmat il-Ftehim ta' Kollaborazzjoni.

Daniel Tabone nforma lill-Kunsill li l-Green Pak huwa fl-interess tagħha li tiġbor kemm jista' jkun skart separat u b'hekk anke l-Kunsill jiggwadanja peress li bħala 'tipping fees' għal skart organiku jibda jħallas anqas ghax ikollu kwantita anqas u d-differenza tal-flus tkun tista' tintuża mill-Kunsill fuq proġetti oħra. Huwa qal li flimkien irridu nagħmlu kampanja ta' edukazzjoni u b'hekk ir-residenti ikunu aktar konxji dwar il-bżonn li l-iskart għandu kemm jista' jkun jiġi separat. Bħala kampanji edukattivi huwa qal li ser inkunu qed naħdmu fuq kampanja fejn ikolna nies iżuru lir-residenti kollha (bieb bieb) u b'hekk nilħqu kemm jista' jkun lir-residenti kollha. Ser issir ukoll kampanja edukattiva permezz ta' fuljetti eċċ.. fejn tingħata l-informazzjoni kollha meħtieġa. Dawn il-kampanji ser ikunu qed iħallsu għalihom il-Green Pak. Is-Sur Tabone qal li dwar il-kampanja bieb bieb, prefibilment għandna nsibu nies mil-lokalita tagħna stess biex iħarġuhom f'dan is-suġġett u jkunu huma stess li jagħmlu din il-kampanja. Ser isir ħlas mill-Green Pak lil dawn il-persuni li jagħmlu dan ix-xogħol.

Ġie suġġerit ukoll li l-iskart separat jibda jinġabar nhar ta' Tlieta flokk nhar ta' Tnejn. Is-Sur Tabone qal li huwa mportanti li nżidu aktar Bring in Sites u b'hekk ir-residenti ikollhom aktar postijiet fejn jistgħu jisseparaw l-iskart tagħhhom. Ġie ssuġġerit wara li saru spezzjonijiet, li jiżdiedu tlett siti oħra ta' Bring in Sites ma' dawk it-tnejn li diġa għandna. Dawn jistgħu isiru fi Triq Torri Tingi (ftit 'l isfel mill-uffiċċju tal-Kunsill) fi Triq Arċ. Ciantar (in-naħa ta' wara tal-Knisja) u fi Triq Ta' Ġokk (fejn il-playing field).

Il-Kunsill iddiskuta u qabel dwar dawn is-suġġerimenti li saru. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna nikkorperaw kemm jista' jkun u nħeġġu lir-residenti tagħna biex aktar skart ikun separat.

**4. Laqgħa mal-Wasteserv Ltd**

F'dan il-ħin il-Kunsilliera Marthese Portelli iddikjarat interess pekunjarju u ma ħaditx sehem f'din id-diskussjoni.

Kif kien diskuss fl-aħħar laqgħat il-Kunsill kien talab biex issir laqgħa mal-Wasteserv Ltd in vista tal-appelli mal-Mepa li għandna pendenti bħala Kunsill kontra l-bini tal-Waste Transfer Station fl-inħawi tal-Kus, ix-Xewkija li qed tipproponi l-istess Wasteserv Ltd. Għal din il-laqgħa kienu mistiedna jattendu l-membri kollha tal-Kunsill. Il-laqgħa saret nhar l-Erbgħa 7 ta' April fl-Uffiċċju tal-Kunsill u għaliha kien hawn preżenti s-Sindku, l-Kunsillier Teddy Mizzi u s-Segretarju Eżekuttiv minn naħa tal-Kunsill filwaqt li c-Chairman Ben Farrugia u l-Inġ. Vince Magri kienu qed jippreżentaw lill-Wasteserv Ltd.

Is-Sindku qalet li l-Kunsill talab din il-laqgħa biex fejn huwa possibbli nikkordinaw flimkien issa li l-Wasteserv Ltd għandha l-impjant tas-Civic Amenity Site u aktar 'l quddiem ser ikollha l-Waste Transfer Station fl-inħawi tal-Kus, ix-Xewkija. Kif spjegat diversi drabi s-Sindku għamlitha ċara li bħala Kunsill qatt ma kien kontra dawn il-proġetti iżda kontra s-sit li ngħażel. Is-Sindku talbet sabiex is-Civic Amenity Site tibqa' tintuża mir-residenti tax-Xewkija bla ħlas anke jekk fil-futur tiddaħħal xi miżata biex dak li jkun juża din il-faċilita'. Ic-Chairman qal li dan is-servizz huwa bla ħlas għar-residenti u m'hemmx indikazzjonijiet li dan ser isir bi ħlas fil-futur.

Il-Kunsillier Teddy Mizzi ssuġġerixxa li l-Kunsill jingħata skont fuq il-miżata li trid titħallas għal kull tunnellata ta' rimi ta' skort organiku. Iċ-Chairman u l-Ing. Magri spjegaw kif dan m'huwiex possibbli li jsir speċjalment għar-raġuni li l-miżata dwar skart organiku saret biex kemm jista' jkun jonqos l-istess skart u jiżdied l-iskart separat. Ġie suġġerit li stabillimenti kummerċjali u kuntratturi jingħataw permess jibdew jarmu l-iskart separat fis-Civic Amentiy Site tal-Kus. Iċ-Chairman qal li se jagħmlu l-arranġamenti neċessarji biex dawn ikunu jistgħu jagħmlu użu minn din il-faċilita wkoll.

Issemmew ukoll diversi kampanji edukattivi li jistgħu jsiru mill-Wasteserv Ltd biex inkomplu nħeġġu lir-residenti tagħna jisseparaw aktar l-iskart. Il-Wastesev Ltd tista' tagħmel dawn il-kampanji fix-Xewkija bieb bieb u mat-tfal tal-iskola. Minn naħa tagħhom għandhom staff imħarreġ apposta biex jagħmel dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu dawn il-kampanji edukattivi fost ir-residenti tagħna.

Is-Sindku semmiet ukoll il-Bring in Sites li għandna fi Pjazza Tal-Barmil. Dawn kellhom isiru 'underground' iżda għal xi raġuni għadhom ma sarux. L-Inġ. Magri talab sabiex il-Kunsill jibgħat aktar dettalji u jara x'jista' jsir biex ix-xogħol meħtieġ isir.

Is-Sindku talbet li l-Kunsill jingħata żewġ pots oħra bħal dawk li konna ngħatajna u poġġejna fi Pjazza San Ġwann Battista. Iċ-Chairman u l-Inġ. Magri qablu ma' din il-proposta u għalhekk ser isiru l-arranġamenti biex dawn jitpoġġew fil-pjazza wkoll. Il-Kunsillier Teddy Mizzi se jikkordina ma' Charles Spiteri (Uffiċċjal tal-Wasteserv Ltd f'Għawdex) biex dawn il-pots jitpoġġew fil-pjazza.

Iċ-Chairman qal li huma nteressati li jgħinu lill-Kunsill f'xi proġett ambjentali bħal landscaping, jiġu nstallati photovoltaic panels, joffru compost bins jew xi proġetti oħra. F'dan il-ħin is-Sindku semmiet il-proġett li għandu l-Kunsill dwar il-ġnien taż-żebbuġ magħruf bħala Ta' Blankas. Is-Sindku spjegat li l-Kunsill diġa għandu l-permessi meħtieġa u għalhekk ix-xogħol jista' jibda fi żmien qasir. Iċ-Chairman Ben Farrugia qal li huwa nteressat ħafna f'dan il-proġett u se jagħmel dak kollu possibbli biex flimkien inwettquh. Huwa talab li l-Perit tagħhom jikkomunika mal-Perit tal-Kunsill (il-Perit Lino Bianco) u b'hekk jibdew jaraw x'xogħol hemm bżonn isir u fejn ikun hemm bżonn anke jinħarġu sejħiet għall-offerti minn naħa tagħhom.

Is-Sindku qalet ukoll li fl-inħawi magħrufa Ta' Lambert, li hija l-istess triq li twaslek għas-Civic Amentiy Site, għandna problema ta' abbużi ta' tfigħ ta' terrapien u skart ieħor. Il-Kunsill naddaf kemm 'l darba dawn l-inħawi iżda sfortunatament l-abbużi għadhom isiru. Is-Sindku pproponiet biex jekk huwa possibbli minn naħa tal-Wasteserv Ltd jinstallaw CCTV f'dawn l-inħawi (peress li fil-qrib diġa għandhom sistema ta' CCTV) u b'hekk nittamaw li naqtgħu dawn l-abbużi. Iċ-Chairman qal li jekk ikun possibbli minn naħa tagħhom din issir ukoll.

Il-Kunsill iddiskuta dwar dan is-suġġett u qabel mas-suġġerimenti u proposti li saru.

## 5. Tender dwar bini ta' Latrina Pubblika

F'dan il-ħin is-Sindku ddikjarat interess pekunjarju u ma ħaditx sehem f'din id-diskussjoni.

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-Perit Scerri kien bagħat ir-rapport tiegħu dwar l-offerti mitfgħuha. Fir-rapport tiegħu l-Perit indika li uħud mill-Bill of Quantities tal-kuntratturi li tefgħu l-offerta kien fihom żbalji u għalhekk is-sekwenza ta' min kien l-irħas inbidlet. Il-Perit ippropona biex qabel tiġi aċċettata offerta partikulari, il-Kuntrattur rispettiv għandu jġib aktar informazzjoni u samples. Il-Perit irrimarka wkoll li l-irħas offerta hija 33% orħos mill-istima li kien għamel huwa u għalhekk il-Kunsill għandu jieħu kollox inkonsiderazzjoni. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan ir-rapport u qabel li għandna nitolbu lill-kuntrattur li għandu l-irħas offerta u li huwa A&E Mintoff Co Ltd sabiex iforni lill-Kunsill bis-samples u informazzjoni skond kif talab il-Perit. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinħatar Bord tal-Għażla li l-membri tiegħu jkunu l-Viċi Sindku, l-Kunsilliera kollha u l-Perit Edward Scerri biex jagħmlu r-rakkomandazzjoni tagħħhom lill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv se jikkordina biex dan il-Bord ikun jista' jiltaqa' meta l-kutrattur imsemmi aktar 'l fuq iġib l-informazzjoni u s-samples mitluba.

**6. <u>Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa</u>**

**Mill-Korrispondenza**

i. Tony Bajada mill-Wasteserv Malta Ltd bagħat kopja tal-ftehim dwar il-Bring In Sites biex dawn jgħaddu għand il-Kunsill Lokali. F'dan il-ħin il-Kunsilliera Marthese Portelli iddikjarat interess pekunjarju u ma ħaditx sehem f'din id-diskussjoni. Il-ftehim qed isir mal-Kunsilli Lokali kollha li jkunu waslu għall-arranġament biex il-Bring in Sites jibdew jieħdu ħsiebhom skond waħda mill-iskemi li fil-każ tal-Kunsill tagħna għażilna tal-GreenPak. Il-Kunsill qabel li għandna niffirmaw dan il-ftehim dwar il-Bring in Sites li għandna fi Pjazza Tal-Barmil u fi Triq Widnet il-Baħar.

ii. Transport Malta infurmaw lill-Kunsill li ġiet approvata biex teħel tabella fi Triq Mgarr li tindika li vetturi kbar ma jistgħux jidħlu fi Triq il-Mitħna. Il-Kunsill qabel li nordnaw biex teħel din it-tabella tat-traffiku għand id-Dipartiment tat-Toroq peress li Triq Mġarr hija triq arterja.

iii. Transport Malta talbu aktar informazzjoni minn għand il-Ministeru Għal Għawdex dwar il-Pelican Lights biex jiġu nstallati fi Triq Ħamrija. Triq Ħamrija hija triq arterja u għalhekk responsabbli minnha l-Gvern Ċentrali. Il-Kunsillier Teddy Mizzi qed jikkordina biex dan il-Pelican Lights jiġi nstallat minn naħa tal-Ministeru Għal Għawdex.

iv. Noel Formosa mill-Ministeru Għal Għawdex informa lill-Kunsilli Lokali Għawdxin dwar l-attivita Notte Gozitana. Il-Kunsill qabel li għandna nikkopera f'din l-attivita fejn fost affarijiet oħra ser ikun hemm tinda allokata għal kull Kunsill biex jippromwovu artisti u anke tradizzjonijiet lokali. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillieri Teddy Mizzi u Hubert Saliba għandhom jikkordinaw u jagħmlu x-xogħol meħtieġ dwar din l-attivita.

v. Memo 45/2010 titratta dwar l-iskema ta' resurfacing ta' toroq b'sistema ta' public private partnership. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw taħt din l-iskema. Il-Kunsill qabel li napplika biex Triq Indri Borg, Triq Arċ. Grech, Triq l-Għarus, Triq Jean De La Vallette u Triq Sant'Elija jsiru bit-tarmak taħt din l-iskema.

vi. Illum il-Kunsill irċieva l-ittra ta' Direzzjoni 2010 u l-Financial Statements April-Diċembru 2009. Is-Segretarju għadda kopja (b'email) ta' dawn id-dokumenti lill-membri kollha. Il-Kunsill qabel li fil-laqgħa li jmiss jiddiskuti u jwieġeb l-ittra ta' direzzjoni.

vii. Memo 51/2010 titratta dwar Wi Fi Access Points. Il-Kunsill ġie mitlub jidentifika post fejn tista' tiġi nstallata din is-sistema. Il-Kunsill qabel li nipproponu li din ssir fuq l-Għassa tal-Pulizija, fi Pjazza San Ġwann Battista. Dwar is-sistema ta' Wifi ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill, il-Kunsill qabel li kif sar fis-snin preċedenti jsir it-tnaqqis ta' €10 fix-xahar mill-allokazzjoni tal-Kunsill biex dan is-servizz jiġi mġedded.

viii. Il-Go nfurmaw lill-Kunsill li mhux ser iġeddu l-ftehim biex il-klijenti tagħhom iħallsu l-kontijiet fl-Uffiċċju tagħna.

ix. Gabriel Ebejer informa lill-Kunsilli Lokali dwar il-wirja annwali tal-Għaqda Maltija tal-Ortikultura li ssir kull sena. Huma qed jipproponu li kull Kunsill Lokali jesebixxi ħxejjex u frott. L-ispiża biex nieħdu sehem hija ta' €28. Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu sehem.

x. Joseph Muscat, Segretarju tal-Kumitat Tismija ta' Toroq informa lill-Kunsill li ser issir laqgħa biex jiġu diskussi ismijiet ġodda fix-Xewkija u anke l-problema ta' triq li ssemmiet ġdida, Triq taċ-Ċnus. Il-Kunsill qabel li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom jattendu għal din il-laqgħa.

xi. Memo 52/2010 titratta dwar l-iskema għall-korsijiet Lifelong Learning. Is-Sindku pproponiet li napplikaw għal din l-iskema. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u qabel ukoll li s-Sindku għandha tikkordina dwar din l-iskema.

## 7. Materja oħra

i. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet ġabet samples ta' souvenirs minn għand Vassallo Jewellary. Dawn huma ta' qisien differenti, il-kbira tiswa €30 u l-oħra tiswa €24. Il-Kunsill qabel li nordnaw ħamsa minn kull tip.

ii. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona li niktbu ittra lill-Ministru Għal Għawdex dwar l-istat ħażin li tinsab fih Triq is-Salib. Din hija triq li għadha qatt ma nksit bit-tarmak u għalhekk hija fir-responsabilta tal-Gvern Ċentrali li ssir. Il-Kunsill qabel mal-Kunsillier Mizzi u għalhekk se tinkiteb ittra lill-Ministeru Għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono fejn nitolbuha biex isir ix-xogħol meħtieġ.

iii. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kien ikkuntattjah M'Angelo Camilleri mill-Banda Prekursur u talbu minn fejn se jgħaddi d-Defile taż-żwiemel li jorganizza l-Kunsill fi żmien il-festa. Il-Kunsill qabel li dan għandu jibda ħdejn il-każin tal-Banda u jgħaddi minn Triq San Ġwann Battista, Triq A. Mallia Vernon, Triq Ħamsin, Triq Santa Katerina, Triq il-Knisja u jintemm fi Pjazza San Ġwann Battista fejn isir it-tberik taż-żwiemel. Id-defile għandu jibda fit-8.30am.

iv. Mariano Haber talab lill-Kunsill biex isiru marki tat-traffiku ‘Slow’ fi Triq il-Kav. L. Z. Haber. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li dwar dan is-suġġeriment diġa talab lid-Dipartiment tat-Toroq biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ.

v. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nordnaw lill-Perit Saliba sabiex jipprepara d-dokumenti tat-tender biex Triq Kraba, Triq San Duminku u parti minn Triq is-Salib isiru bit-tarmak.

Il-Laqgħa spiċċat fid-9.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 7 ta’ Mejju, 2010 fis-6.30pm.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku